*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 05**

**It-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**5.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**5.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri infurmana illi mhux ser ikun jista jattendi għal din il-laqgħa.

**5.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 4 tas-7 t'Ottubru 2019:***

**5.2.1** ***Il-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**5.2.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon staqsiet fuq paġna 3 artiklu 4.3.1 rigward l-offerta tal-Green Mt jekk konniex bgħatnilhom rigward il-kjarifika tal-kameras.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser tiġi diskussa iktar tard f'din is-seduta.

- ***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri daħal għal laqgħa fis-18:38.***

**5.2.3** Il-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon staqsiet fuq paġna 6 artiklu 4.7.5 rigward il-*junction* proposta fi Pjazza Mfisud Bonnici.

Is-Sindku wieġeb illi *Infrastructure Malta* li qed jgħamlu Triq il-Qaliet aċċettaw illi jgħamlu dan il-proġett hekk kif ilestu Triq il-Qaliet sabiex jsir proġett ħolistiku.

**5.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**5.3.1** **Rikjesta ta' zebra crossing Triq Patri Wistin Born ma Triq il-Vjola (35/4341/19/I):**

Is-Sindku qal li hemm bżonn li issir belishia crossing fi Triq Patri Wistin Born ma Triq il-Vjola minħabba t-tfal tal-iskola.

Il-Kunsill qabel illi nitolbu lil TMallta għall-approvazzjoni sabiex issir *belisha crossing*.

**5.3.2** **Kameras ta' Sorveljanza – Green MT (35/4362/19/I):**

Is-Sindku qal illi meta kellem lis-Sur Attard tal-Green Mt kien qallu illi hemm madwar 23 BIS, iżda s-Sindku nfurmah illi fil-lokal tagħna hemm madwar 12 il-BIS u mhux 23 BIS u li l-Kunsill kien qed jitlob illi fuq xi 6 BIS jsiru il-kameras.

Il-Viċi Sidku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li jekk mhux ha ngħamlu il-kameras fuq kull Bis ser ikun hemm abbużi fuq dawk il-BIS li mhux ser jkollom cameras.

Il-Kunsilliera qraw il-mistoqsijiet tal-Green Mt u ifformulaw ir-risposti.

- Rigward liema awtorita` ser tissorvelja dawn il-kameras il-Kunsill iddeċieda illi jitlob lil Green Mt illi tissorvelja l-kameras il-kumpanija stess hekk ukoll kif offerew il-Green Pak.
- Rigward jekk il-Kunsill hux ser jkollu xi bonus jekk l-individwu jiġiex imħarrek jew le l-Kunsillera irrispondew ili l-awtorita tista tħarrek u mhux il-Kunsill.
- Rigward minn ser jieħu ħsieb il-manteniment fejn jidħol *internet point provision*. Il-Kunsill irrisponda illi l-offerta tal-kumpanija Green Pak offew illi l-kumpanija tieħu ħsieb hi u jekk isir *internet point* jkunu jistgħu jimmoniternjawa l-LESA.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli daħal għal laqgħa fis-6.47pm***

- Rigward minn ser jkopri l-ispejjeż jekk titneħħa BIS fejn hemm diġa il-kameras u anke jekk il-Kunsill jiddeċiedi jekk ineħħi il-BIS. Il-Kunsill iddeċeida illi l-ispejjeż jitħalsu mil-Kunsill.
- Rigward minn ser jieħu ħsieb il-polza ta' sigurta` fuq is-CCTV il-Kunsill iddeċieda li l-ewwel naraw ta' minn ser jkunu l-kameras jekk hux tal-Kunsill jew tal-kumpanija.

Il-Kunsill iddeċieda illi l-kameras jrisu fuq il-BIS ta' ħdejn Villa Sant'Anna, Bajja San Tumas ħdejn tal-ġelat, ħdejn il-Knisja, ħdejn is-Summer Nights u ħdejn il-Brighton.

**5.3.3** **<u>PA4411/09 site at Triq Sant'Antnin Marsaskala Malta (35/4330/19/I):</u>**

Is-Sindku qal li hu flimkien mal-Viċi Sindku attendew għal din is-seduta u spjega illi l-klijent li għandu r-residenza tiegħu fuq wara tal-proġett, ilmenta illi ma kienx hemm *notice* imwaħħla illi kienet ser issir xi pompa u b'hekk dehrilhom li jikkontestaw illi il-permess jiġi revokat. Huwa spjega illi kien hemm żewġ siti fl-applikazzjoni inizjali u li kienet ġiet emendata għal sit wieħed u din tispjega għalfejn fil-bidu l-permess kien twaħħal faċċata tas-sit. Is-Sindku spjega illi l-bord ma laqax it-talba u b'hekk kien ser jibqa għaddej bil-proċeduri tal-permess.

**5.3.4** **<u>Waterpoint Marsaskala (35/4301/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa ma min kien qed jiproponi li ssir water point ħdejn il-latrina ta' taħt il-Knisja u ser ssir partition bejn il-BIS u l-*waterpoint* minħabba l-iġene u l-ilma ser jkun jiswa 15c għal kull litru. Il-partition tal-ġebel se ssir għas-spejjes tagħhom. Huwa kompla jispjega illi bħala kumpens għal Kunsill ser jieħu ħsieb li jiżboħ il-faċċata tal-latrina kull sena.

**5.3.5** **<u>LocalSports Services opportunity (35/4341/19/I):</u>**

Il-Kunsill iddeċieda li ma jilqax din il-proposta.

**5.3.6** **<u>Seven Road Humps Triq id-Daħla ta' San Tumas (35/4323/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Tmalta ser jgħamlu 7 road humps fit-Triq Id-Daħla ta' San Tumas għas-spejjeż tagħhom skond il-pjanti li kienu pprovdew TMalta.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.3.7** Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal illi bħal ma lokalitajiet oħra bħaż-Żejtun għandhom Żejt iż-Żejtun għandna nagħmlu xi ħaġa aħna ukoll F'Marsaskala. Huwa kompla jgħid illi peress f'Marsaskala hawn ħafna ġnus differenti għandna niddedikaw ġurnata fejn isir bħal *food stalls* jew xi affarijiet bħala integrazzjoni tal-kulturi li għandna differenti ġewwa Marsaskala.

Is-Sindku qal illi fl-iskola ta' Marsaskala hemm 45 ligwa differenti. Huwa kompla jgħid illi peress li l-Kunsillier John B. Camilleri huwa il-persuna inġaġġata fuq d-diversita l-aħjar li jitkellmu flimkien biex tiġi organiżżata din l-attivita`. Huwa kompla jgħid ili l-iskultura li ser issir faċċata tal-Ispjazzju rikjrejattiv Alfred Debono hija pjuttost dedikata għad-diversita`. Huwa wkoll wera l-abbozz tal-iskultura lill-Kunsilliers u qal li l-iskultur is-Sur Mario Sammut għandu l-permessi meħtieġa biex jibda dan il-proġett.

**5.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**5.5** **<u>Rapporti:</u>**

5.5.1 **<u>Aġġudikazzjoni ta' tender KLM 2019/05 – Cleaning and upkeep of public conveiences in the locality of Marsaskala in an environmentally friendly manner.</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din l-offerta ġiet evalwata u qedghin fil-proċess tal-*evaluation report*. Huwa kompla jispjega illi peress li din l-offerta ħarġet bil-BPQR allura għadu qed jiġi iffanilizżat dan ir-rapport b'hekk għad ma għandhomx kopja tal-*evaluation report*. Huwa kompla jispjega illi l-ewwel tlett offerti huma *compliant* iżda l-aħħar offerent huwa *non compliant.*

| Offer ID | Name of EO | Pricing Information |
|---|---|---|
| 116115 | Sandro Caruana | 27000.00 |
| 116097 | Alistair Bezzina | 25000.00 |
| 116094 | Annalise Farrugia | 22500.00 |
| 116011 | Saviour Mifsud | 26060.00 |

Il-Kunsill qabel illi biex ma jitlifx żmien kif appenna jiġi iffinalizzat l-*evaluation report* nistgħu nipproċedu bl-aġġudikazzjoni illi din l-offerta tingħata lil orħos offert Annalise Farrugia sakemm jiġi ikkonfermat l-*evaluation report*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

5.5.2 **<u>Approvazzjoni tal-business Plan 2019-2023:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill issa jrid japprova l-*business plan* wara li ġiet preżentat fil-laqgħa tal-lokalita` li saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ipproponiet l-approvazzjoni tal-business plan 2019-2023 u l-Kunsiller is-Sur Charlot Mifsud issekonda.

5.6 **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

5.7 **<u>Korrispondenza:</u>**

5.7.1 **<u>Użu tal-parkeġġ tal-iskola għar-residenti (35/4021/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skond ir-risposta tas-Sur Fenech jidher illi r-responsabilita` ta' dan il-parkeġġ ser taqa taħt ir-responsabilta` tal-Kunsill peress li ntalab management plan dettaljat mil-Kunsill.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal illi huwa ma jaqbilix illi dan il-parkeġġ jużawh ir-residenti għaliex jekk jkun hemm xi residenti li jabbuża u jibqa ipparkjat sakemm jiġu tat-*towing* ser jgħaddi il-ħin u ser jinħoloq problema għal għalliema li jkunu jridu jipparkjaw.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet lli jistgħu jsiru kameras u l-parkeġġ jsir bl-arloġġ.

Is-Sindku qal li l-aħjar niktbu lil Ministru Mizzi sabiex issir laqgħa miegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunika ma rappreżentat tal-Lesa fejn infurmah illi jekk isir *memorandum of understanding* bejn l-LESA, l-Iskola u l-Kunsill, il-gwardjani lokali jkunu jistgħu jassistu jekk ikun hemm xi abbuż mir-residenti li jibqu ipparkjati wara il-ħin jagħtu ċitazzjoni. Huwa kompla jgħid li ovvjament dan huwa servizz bi ħlas

Is-Sindku qal f'dak il-każ nitolbu l-MTA sabiex jħalsu għas-servizz tal-gwardjani lokali.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu laqgħa mal-LESA.

- Saret sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġi preżentat Ġieħ Marsaskala lil Nutar Cory Greeland peress li waqt iċ-ċerimonja kien indispost.

  In-Nutar Greenland irringrazzja lil Kunsill għal dan il-ġieħ.

**5.7.2 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/14/2019 Skema finazjarja favur il-komunita` (35/4021/19/I):</u>**

Is-Sindku spjega illi din hija skema sabiex ninpjegaw mal-Kunsill persuna bi bżonnijiet speċjali biex tagħmel xogħol fil-*customer care*.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi mal-Kunsill diġa kellna persuna bi bżonnijiet speċjali imma kienet itterminat il-kuntratt mal-Kunsill. Huwa kompla jispjega illi wara 4 snin din il-persuna issir tal-post.

Il-Kunsill qabel dwar dan u għandhom isiru l-nterviews biex tingħażel persuna għal *customer care* li taħdem b'medja ta' 20 siegħa fil-ġimgħa.

**5.7.3 <u>Cirk Akl 2019/112 Skema Wifi4Eu (35/4184/19/I):</u>**

Is-Sindku qal li din l-iskema qeda sabiex issir wifi f'post pubbliku.

Il-Kunsill qabel sabiex issir fi Spazzju Rikrejattiv Alfred Debono.

**5.7.4 <u>Consumeless Project Agreement with Local Councils of Zabbar, Bormla and Marsaskala (35/4182/19/I):</u>**

Is-Sindku spjega li dan huwa proġett li issieħbu fih tlett ħwienet sabiex jitgħalmu kif jikkonsmaw inqas ilma.

Huwa qal ukoll illi rigward il-proġett tat-Trifocal saret laqgħa din il-ġimgħa ġewwa l-Wasteserv u dan jinvolvi l-ġbir ta' skart minn ammont ta' ristoranti bħala proġett pilota.

**5.7.5 <u>Quotation for data protection officer services (35/4182/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ili ġibna il-kwotazzjonijiet għal data protection officers li kienu CSB Legal, Adrian Mifsud, C Planet u Grant Thornton.

Il-Kunsill qabel illi jingħażel l-orħos offerent li huwa Grant Thornton apparti li ta rendikont ta' kif se jkun jikkonsisti s-srvizz li se jingħata.

- Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn li issir laqgħa mal-Works Division mal-Perit Ellul rigward il-bini tal-Waterpolo pitch.

  Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud għandna tinfurmana meta jkun jista il-Perit Ellul.

- Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon qalet li qed taħden fuq il-*Christmas Village* li ser jsir bejn it-13 u 15 ta' Diċembru 2019 u ser jsir f'inqas ġranet milli dak li kien ġie diskuss minħabba l-ispejjeż.

  Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s'iisa li ġibna huwa l-*istalls* bi prezz tajjeb.

  Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ser tiltaqa ma min qed jorganizza din l-attivita` sabiex jkolla rendikont dettaljat tal-ispejjeż.

- Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ser issir attivita` fit-3 u l-4 ta' Novembru fejn ser jistadu għal mulett u l-ispnot fil-Magħluq u l-flus li ser jinġabru ser jmorru għal *Fundraising Sushine for Gabriel.*

**5.8 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

**5.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-lista ta' pagamenti flimkien mal-*petty cash* għax-xahar ta' Settembru 2019.

**5.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' pagamenti li daħlu b'urġenza u li ser jitressqu f'din is-seduta.

- Mr. Johnathan Gilson – Maintenance of public conveniences - €659.20
- Midas – Replacement of cheque as it gor lost for invoices 19278594 and 19278595, Newspapers - €317.40
- Ms. Annalise Farrugia – Public convenience form 11/8/19 to 12/9/19 invoice 10-19af and 12/9/19 to 13/10/19 invoice 11-19af - €4119.18
- Mr. Jimmy Muscat – Bulky rEfuse September 2019 invoice 009/19 - €2442.36
- Comsec – New telephony system customer care invoice 19443 - €2360.57
- Oasis Ironmongery – Consumables invoices 1567, 1592, 1584, 1585, 1580 - €337.07
- Correct Termination – work on council meeting streaming website content invoice CTL370919 - €147.50
- Mr. Svetlick Flores – Evaluation of tenders and making tender and upoading tenders in the EPPS invoices 19086, 19064, 19057, 19050, 19041 - €830.00

Il-Kunsill qabel li jinħarġu dawn il-pagamenti

***Il-Kunsillier Dr.Errol Cutajar ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**5.9** **Mozzjonijiet:**

Ma kienx hemm mozzjonijiet

➢ **Laqgħat tal-Kunsill għax-Xahar ta' Diċembru:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-laqgħa tal-Kunsill għax-xahar ta' Diċembru ser tkun nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru fis-6.00pm

➢ **Ikla tal-Istaff u l-Kunsilliera:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi d-data għal ikla tal-Milied tal-istaff u l-Kunsilliera issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2019 u ser jinkisbu tlett kwotazzjoniiet iktar il-quddiem.

➢ **Laqgħa Annwali**

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-laqgħa annwali issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2019 fis-6.30pm ġewwa l-Wasteserv.

**5.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir it-Tnejn 11 ta' Novembru 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 7 ta' Ottubru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |